**Infetħitli warda**

Għaddejt miexi mbikki
Minn ġo ġnien tant sabiħ,
Għatxan, għarqan, mitluf
Żgur dal-post ma nafx bih.

Bqajt inħares f'roqgħa
L-għajnejja ma emmintx,
F'dik ir-rokna ċkejkna
Rajt warda u tbissimt.

Warda bajda bajda
Riħitha tfuħ tgħidx kemm,
Inħares biss lejha
F'daqqa jaħrabli 'l hemm.

Mimlija u mfawra
Ratba, delikata,
Tgħajjat għall-imħabba
Serħan f'battikata.

Donni li rajtilha
Għajnejha imqastnin,
U maċ-ċaqliq tagħha
Bħal rajt 'l Alla ħanin.

Tħares 'l fuq fis-sema
Iċċarċrilha ftit dmugħ,
B'dak nifisha hekk tqil
Qalbha ttaqlet bħall-qlugħ.

Tħawwadt u ridt ngħinha
Tħassartha f'dak l-uġiegħ,
Soluzzjoni kelli
Li nitlob minnufih:

"Nitolbok Missieri
Ifdi l-għaxqa tiegħek,
Thallihiex tinqered
Żommha ħdejk, qrib tiegħek".

F'dak il-waqt weġibni
Leħnu duwa f'marda:
"Ibni smajtek, tfarraġ
Infetħitlek warda".

Patri Mario Attard OFM Cap

20 t'April 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.